IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 26.1.2012
KUMM(2012) 14 finali

2012/0002 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet għall-proposta u għanijiet tagħha

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem 'id-Direttiva dwar il-VAT'), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijet ta' din id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jippreveni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-6 ta' Lulju 2011, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni biex teżenta persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhux aktar minn EUR 50 000. B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-30 ta' Awwissu 2011, ir-Rumanija sussegwentment issostitwiet b'talba ġdida biex teżenta persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhux aktar minn EUR 65 000. B'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra datata t-8 ta' Novembru 2011, infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Rumanija. Permezz ta' ittra datata d-9 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

Kuntest ġenerali

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva dwar il-VAT jippermetti l-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw skemi speċjali għall-impriżi żgħar, inkluża l-possibbiltà li jkunu eżentati persuni taxxabbli b'inqas minn ċertu fatturat annwali. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabbli ma għandhiex għalfejn iżżomm il-VAT fuq il-provvisti tagħha u, konsegwentement, ma tistax tnaqqas il-VAT minn fuq l-elementi produttivi tagħha.

Dan il-limitu tal-fatturat annwali hu differenti bejn Stat Membru u ieħor, b'mod partikolari skont id-data tal-adeżjoni tagħhom. Għall-Istati Membri li daħlu wara l-1 ta' Jannar 1978, il-limitu tal-fatturat annwali ġie ffissat bl-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT. Il-limitu massimu għar-Rumanija ġie ffissat għal EUR 35 000, ikkalkolati skont ir-rata tal-kambju fil-jum tal-adeżjoni (l-Artikolu 287(18)) tad-Direttiva dwar il-VAT).

It-talba tar-Rumanija għal deroga qed tfittex li tissimplifika s-sistema tal-VAT għall-intrapriżi ż-żgħar billi tintroduċi din il-miżura ta' simplifikazzjoni għall-persuni taxxabbli b'fatturat annwali li ma jkunx aktar minn EUR 65,000 ikkalkolati skont ir-rata tal-kambju fil-jum tal-adeżjoni. Din il-miżura se tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż fuq dawk in-negozji eliġibbli għall-iskema u teħlishom minn ħafna mill-obbligi tal-VAT skont l-arranġamenti normali tal-VAT. Is-sistema tkun għażla għall-persuni taxxabbli.

B'mod ġenerali, ir-Rumanija tiffaċċja problema sinjifikanti ta' non-konformità mal-VAT. Sabiex jassistu lir-Rumanija, is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew assistenza

teknika sabiex jiġu evalwati d-defiċjenzi tal-amministrazzjoni Rumena tat-taxxa f'termini tal-kontroll u n-non konformità tal-VAT. Ġew organizzati missjonijiet lejn Bucharest bl-għan li jiġu identifikati rimedji xierqa kompatibbli mad-Direttiva tal-VAT u ġew ifformulati numru ta' rakkomandazzjonijet li fil-kuntest tagħhom ir-Rumanija talbet l-appoġġ lill-Kummissjoni biex tkun tista' timplimentahom. Għalhekk din il-proposta għandha titqies bħala ħaġa waħda mill-miżuri biex jitjieb il-livell ġenerali ta' konformità u biex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT. B'mod partikolari se tkun ikkumplimentata bl-introduzzjoni ta' skema fissa għall-operaturi żgħar skont l-Artikolu 281 tad-Direttiva tal-VAT li se tkun applikabbli għall-operaturi ż-żgħar li ma jridux jagħmlu użu minn din il-miżura ta' simplifikazzjoni. Saret konsultazzjoni tal-Kumitat tal-VAT fid-19 ta' Ottubru 2011 f'dan is-sens.

Id-deroga tibqa' tgħodd mill-anqas sal-31 ta' Diċembru 2014 jew sa meta tidħol fis-seħħ Direttiva dwar il-limitu tal-fatturat annwali li inqas minnu l-fornimenti ta' persuna taxxabbli jistgħu jkunu eżentati mill-VAT. Skont l-informazzjoni li pprovdiet ir-Rumanija, l-impatt tal-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali se jkun negliġibbli.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Fl-2004, il-Kummissjoni għamlet proposta biex jiżdied għal EUR 100 000 l-limitu tal-fatturat annwali disponibbli għall-Istati Membri (COM(2004) 728 finali) għall-eżenzjoni mill-VAT tal-persuni taxxabbli bil-possibbiltà li jiġi aġġornat dan l-ammont kull sena.

Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Mhux rilevanti.

Il-ġbir u l-użu tal-kompetenza

Ma kien hemm l-ebda bżonn ta' għarfien espert estern.

Valutazzjoni tal-impatt

Id-deċiżjoni għandha l-għan li tintroduċi miżura ta' simplifikazzjoni li tneħħi ħafna mill-obbligi tal-VAT għan-negozji li jaħdmu b'fatturat annwali li mhux ogħla minn EUR 65 000 u għalhekk għandha potenzjal għal impatt pożittiv għan-negozji. Fl-istess waqt, hu mistenni li din il-miżura ta' simplifikazzjoni ttejjeb il-livell ġenerali tal-konformità mal-VAT.

Minħabba l-ambitu strett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, l-impatt ikun limitat fi kwalunkwe każ.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

Awtorizzazzjoni lir-Rumanija biex tapplika miżura derogatorja mid-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-iskema ta' eżenzjoni għan-negozju b'fatturat annwali li ma jkunx aktar mill-ekwivalenti fil-munita annwali ta' EUR 65 000 bir-rata ta' konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħhom.

Bażi legali

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta’ proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba li għamel hu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-ambitu limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan mixtieq.

L-għażla ta' strumenti

L-istrumenti proposti: Id-Deċiżjoni.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jkun qiegħed jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-iktar strument adattat ladarba tista' tiġi indirizzata lill-Istati Membri individwali.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI MHUX OBBLIGATORJI

Il-proposta tinkludi klawżola .

2012/0002 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Peremezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni tat-30 ta' Awwissu 2011, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni għal miżura ta' deroga minn punt (18) tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex teżenta persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-munita nazzjonali ta' EUR 65 000 bir-rata ta' konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni. Din se teħles lil dawk il-persuni taxxabbli minn ċerti obbligazzjonijiet jew minn kollha kemm huma relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), imsemmija fil-Kapitoli 2 sa 6 tat-Titolu XI tad-Direttiva 2006/112/KE.

(2) B'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata t-8 ta' Novembru 2011 bit-talba tar-Rumanija. Permezz ta' ittra datata d-9 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(3) Diġà hemm skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar bħala għażla disponibbli għall-Istati Membri taħt it-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE. Din il-miżura tidderoga mit-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE sakemm il-limitu għall-iskema tal-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli huwa ogħla minn dak preżentament permess għal-Latvja taħt l-Artikolu 18(287) tad-Direttiva 2006/112/KE, li huwa EUR 35 000.

(4) Limitu ogħla għall-iskema speċjali għall-intrapriżi ż-żgħar hu miżura ta' simplifikazzjoni peress li dan jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-obbligi tal-VAT tal-iżgħar negozji, filwaqt li dik l-iskema speċjali mhix obbligatorja għall-persuni taxxabbli u tippermetti lin-negozji li jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT. B'mod

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

ġenerali, hu mistenni li din il-miżura ta' simplifikazzjoni se ttejjeb il-livell ġenerali tal-konformità mal-VAT.

(5) Fil-proposta tagħha għal-Direttiva biex tissimplifika l-obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud tad-29 ta' Ottubru 2004[2], il-Kummissjoni inkludiet dispożizzjonijiet maħsuba biex jippermettu lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-limitu tal-fatturat annwali għall-iskema ta' eżenzjoni mill-VAT sa ammont massimu ta' EUR 100 000 jew l-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali, bil-possibbiltà li dan l-ammont ikun aġġornat kull sena. It-talba ppreżentata mir-Rumanija hi konformi ma' dik il-proposta.

(6) Id-deroga m'għandhiex impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jakkumulaw mill-VAT u se jkollha biss effett żgħir fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa tal-Istat Membru miġbur fl-istadju tal-konsum finali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-punt (18) tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija hi awtorizzata li teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom m'huwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali ta' EUR 65 000 bir-rata ta' konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li temenda l-ammonti tal-limiti massimi ta' fatturat annwali li taħthom il-persuni taxxabbli jistgħu jikkwalifikaw għal eżenzjoni mill-VAT jew sal-31 ta' Diċembru 2014, skont liema data sseħħ l-ewwel.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[2] COM(2004) 728 finali.